

Brussell, 16 ta' April 2025
(OR. en)

8129/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0100(NLE)**

**ECOFIN 443
UEM 132
FIN 422
EIB
*ECB***

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' April 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 184 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 12275/22 INIT; ST 12275/22 ADD 1) tal-4 ta' Ottubru 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għan-Netherlands

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 184 final.

Mehmuż: COM(2025) 184 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.4.2025
COM(2025) 184 final

2025/0100 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 12275/22 INIT; ST 12275/22 ADD 1) tal-4 ta' Ottubru 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għan-Netherlands

{SWD(2025) 111 final}

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 12275/22 INIT; ST 12275/22 ADD 1) tal-4 ta' Ottubru 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għan-Netherlands

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP", recovery and resilience plan) min-Netherlands fit-8 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022². Din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ġiet emendata fis-17 ta' Ottubru 2023 u fil-5 ta' Novembru 2024³.
- (2) Fil-21 ta' Marzu 2025, in-Netherlands għamli talba motivata lill-Kummissjoni sabiex jagħmlu proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta' dan, in-Netherlands ppreżentaw RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP ippreżentati min-Netherlands minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 17-il miżura.
- (4) In-Netherlands spjegaw li hemm miżura waħda li parzjalment m'għadhiex tista' tinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi, jiġifieri żviluppi reċenti fis-suq li rriżultaw f'domanda inqas milli mistenni. Dan jikkonċerna, il-mira 16 u l-istadji importanti 17, 18, 19, 20 taħt il-miżura C1.1 II-8 (Enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta) taħt il-komponent 1 (Promozzjoni tat-Tranżizzjoni Ekoloġika). Abbażi ta' dan, in-

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

² ST 12275/22 INIT; ST 12275/22 ADD 1.

³ ST 13789/24 INIT; ST 13789/24 ADD 1 REV 1.

Netherlands talbu li tiġi emendata d-deskrizzjoni tal-miżura C1.1 I1-8 (Riħ lil hinn mill-kosta), biex tiġi emendata d-deskrizzjoni tal-istadji importanti 17, 18, 19 u 20 u biex titnaqqas il-mira 16. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 tiġi emendata skont dan.

- (5) In-Netherlands spjegaw li hemm tliet miżuri li parzjalment ma għadhomx jistgħu jinkisbu fil-perjodu ta' żmien previst minħabba ċirkostanzi oġġettivi, jiġifieri taħlita ta' kwistjonijiet li joriġinaw mill-konġestjoni tal-grilja, l-inflazzjoni u n-nuqqas ta' ħliet u persunal. Dan jikkonċerna l-miri 24, 25, 26 taħt il-miżura C1.1 I3-1 (Tranżizzjoni tal-enerġija mill-passaġġi fuq l-ilma interni, proġett ZES) taħt il-komponent 1 (Promozzjoni tat-Tranżizzjoni Ekoloġika); il-mira 48 u l-istadji importanti 49 u 50 taħt il-miżura C2.2 I1-1 (Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju), il-mira 51 taħt il-miżura C2.2 I2-3 (Mobbiltà sikura, intelliġenti u sostenibbli) taħt il-komponent 2 (Aċċellerazzjoni tat-Trasformazzjoni Diġitali). Abbażi ta' dan, in-Netherlands talbu li jnaqqsu l-miri 24, 25 u 51 u li jneħħu l-Mira 26. Barra minn hekk, in-Netherlands talbu li tiġi emendata d-deskrizzjoni tal-miżura C1.1 I3 u d-deskrizzjoni tal-istadju importanti 50. Barra minn hekk, in-Netherlands talbu li jestendu l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-miri 24, 25, 48 u 51, kif ukoll tal-istadji importanti 49 u 50 u li jemendaw id-deskrizzjoni tal-miżura C2.2 I1-1 (Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju) biex jirriflettu l-estensjoni fl-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni rigward l-istadji importanti 49 u 50. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 tiġi emendata skont dan.
- (6) In-Netherlands spjegaw li hemm miżura waħda li parzjalment ma għadhiex tista' tinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi, jiġifieri żieda mhux mistennija fil-kostijiet tal-produzzjoni u sfidi teknoloġiċi mhux previsti. Dan jikkonċerna l-miri 56 u 57 taħt il-miżura C2.2 I3-1 (Stazzjonijiet intelliġenti fil-ġenb tat-triq - iWKS) taħt il-komponent 2 (Aċċellerazzjoni tat-Trasformazzjoni Diġitali). Abbażi ta' dan, in-Netherlands talbu li tiġi emendata d-deskrizzjoni tal-miżura C2.2 I3-1 (Stazzjonijiet intelliġenti mal-ġenb tat-triq - iWKS) u li jitnaqqsu l-miri 56 u 57. Barra minn hekk, in-Netherlands talbu li jestendu l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-mira 56. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 tiġi emendata skont dan.
- (7) In-Netherlands spjegaw li ġew emendati tmien miżuri biex jimplementaw alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tal-miżura. Dan jikkonċerna l-istadju importanti 2 taħt il-miżura C1.1 R1-1 (Riforma tat-tassazzjoni fuq l-enerġija), l-istadji importanti 7 u 8 taħt il-miżura C1.1 R4-1 (Riforma tat-tassazzjoni fuq il-karozzi), l-istadji importanti 27 u 28 taħt il-miżura C1.1 I4-1 (Avjazzjoni fi tranżizzjoni) taħt il-komponent 1 (Promozzjoni tat-Tranżizzjoni Ekoloġika); il-mira 39 taħt il-miżura C2.1 I2-1 (Komunitajiet ta' apprendiment tal-IA Ned u applikati), il-mira 53 taħt il-miżura C2.2 I2-3 (Mobbiltà sikura, intelliġenti u sostenibbli), l-istadju importanti 61 taħt il-miżura C2.3 I1-1 (Tiġdid tal-infrastruttura tal-IT fil-Ministeru tad-Difiża) taħt il-komponent 2 (Aċċellerazzjoni tat-Trasformazzjoni Diġitali); l-istadju importanti 85 u 86 taħt il-miżura C4.1 R2-1 (Assigurazzjoni tad-diżabilità għal persuni li jaħdmu għal rashom) taħt il-komponent 4 (Tisħiħ tas-Suq tax-Xogħol, Pensjonijiet u Edukazzjoni Orjentata lejn il-Futur); l-istadju importanti 134 taħt il-miżura C8 R1 (Pakkett ta' riforma tas-suq tal-enerġija) taħt il-komponent REPowerEU. Abbażi ta' dan, in-Netherlands talbu li jestendu l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-mira 28 u tal-istadji importanti 85 u 86. Barra minn hekk, in-Netherlands talbu li tiġi emendata d-deskrizzjoni tal-miżuri C1.1 R1-1 (Riforma tat-tassazzjoni fuq l-enerġija) u C1.1

I4–1 (Avjazzjoni fi tranżizzjoni), u li tiġi emendata d-deskrizzjoni tal-istadji importanti 2, 7, 8, 27, 28, 53, 61 u 134 u l-mira 39. Barra minn hekk, in-Netherlands talbu li jiżdied l-istadju importanti 8a mal-miżura C1.1 R4–1 (Riforma tat-tassazzjoni fuq il-karozzi). Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 tiġi emendata skont dan.

- (8) In-Netherlands spjegaw li ġew emendati erba' miżuri biex jimplimentaw alternattiva aħjar li tippermetti li jitnaqqas il-piż amministrattiv, filwaqt li xorta waħda jintlaħqu l-oġettivi tal-miżura rispettiva. Dan jikkonċerna l-miri 22 u 23 taħt il-miżura C1.1 I2–2 (Enerġija ekoloġika tal-idroġenu), il-miri 31, 32 u 33 taħt il-miżura C1.2 I1–1 (Programm Natura) taħt il-komponent 1 (Promozzjoni tat-Tranżizzjoni Ekoloġika); il-mira 60 taħt C2.3 R1–3 (Ġestjoni tal-informazzjoni pubblika (Att dwar il-Gvern Miftuħ)) taħt il-komponent 2 (Aċċellerazzjoni tat-Trasformazzjoni Diġitali); l-istadju importanti 108a taħt il-miżura C5.1 I1–1 (Kapaċità temporanja addizzjonali ta' riżorsi umani għall-kura fi żminijiet ta' kriżi) taħt il-komponent 5 (Tisħiħ tal-Kura tas-Saħħa Pubblika u l-Istat ta' Tħejjija għall-Pandemiji). Abbażi ta' dan, in-Netherlands talbu li titneħħa informazzjoni ta' sfond mhux meħtieġa jew elementi proċedurali li ma jikkontribwixxux għall-oġettivi tal-miżuri, li jiġi ċċarat li ċerti elementi huma relatati mal-oġettivi jew mal-kuntest tal-miżuri, u li jiġu ssimplifikati d-deskrizzjonijiet tal-miżuri jew l-istadji importanti u l-miri li jikkawżaw piż amministrattiv mhux ġustifikat biex jintlaħqu l-oġettivi tal-miżuri rispettivi. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 tiġi emendata skont dan.
- (9) Wara t-tneħħija tal-miżuri skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, in-Netherlands talbu wkoll li jużaw ir-riżorsi liberati bit-tneħħija tal-miżuri u t-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni tagħhom biex jiżdied il-livell ta' implimentazzjoni ta' miżura waħda. Dan jikkonċerna l-mira 130 taħt il-miżura C8 I1 (Sussidju għall-investiment għall-enerġija sostenibbli u l-iffrankar tal-enerġija) taħt il-komponent REPowerEU. Abbażi ta' dan, in-Netherlands talbu li jiżdied il-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa tal-mira msemmija hawn fuq. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 tiġi emendata skont dan.
- (10) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet ippreżentati min-Netherlands jiġġustifikaw l-emenda/i skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, u jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 tiġi emendata skont dan.

Distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri

- (11) Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li tiġi modifikata biex tqis l-emendi għall-pjan u għall-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata min-Netherlands.

Korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali

- (12) Ġie identifikat żball klerikali wieħed fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, li jaffettwa erba' stadji importanti u deskrizzjoni ta' mira waħda taħt komponent wieħed. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jenħtieġ li tiġi emendata biex tikkoreġi l-iżball klerikali li ma jirriflettix il-kontenut tal-RRP ippreżentat lill-Kummissjoni fit-8 ta' Lulju 2022, kif miftiehem bejn il-Kummissjoni u n-Netherlands. Dan l-iżball klerikali jirrigwarda l-istadji importanti 69, 70, 71 u 72 taħt il-miżura C3.1 R3-1 (Ippjanar ċentralizzat biex tiżdied il-provvista tad-djar) taħt il-komponent 3 (Titjib tas-Suq tad-Djar U Nagħmlu Proprjetà Immobbli Aktar

Effiċjenti fl-Enerġija). Dawk il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (13) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Kontribuzzjoni għall-objettivi ta' REPowerEU

- (14) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (da) u mal-Anness V, il-kriterju 2.12, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni li jikkontribwixxi b'mod effettiv fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) għas-sigurtà tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, żieda fil-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija jew it-tnaqqis meħtieġ tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.
- (15) Il-miżura C8 II (Sussidju għall-investment għall-enerġija sostenibbli u l-iffrankar tal-enerġija) tiżied wara t-tneħħija ta' mira u t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni ta' ċerti miżuri. Din il-miżura tipprovd lill-unitajiet domestiċi b'sussidji għal diversi interventi biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika fl-ambjent mibni. Dawn l-interventi huma mistennija li jnaqqsu d-domanda għall-enerġija u jikkontribwixxu għall-elettrifikazzjoni tal-ġenerazzjoni tas-sħana, u b'hekk jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni tal-ġenerazzjoni tal-enerġija Netherlandiża u l-użu tal-enerġija rinnovabbli. L-investment huwa mistenni li jkollu impatt deġġiemi minħabba l-lonġevità tal-installazzjonijiet sussidjati u l-impatt fit-tul tagħhom fuq id-domanda għall-enerġija. L-investment huwa żieda ta' miżura eżistenti fil-komponent 3 u fil-Kapitolu REPowerEU, u b'hekk iżid ir-riżorsi allokatati għall-Kapitolu REPowerEU.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

- (16) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-Anness V, il-kriterju 2.5, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-objettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 55,1 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP emendat u 100 % tal-kostijiet stmati totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.
- (17) Il-bidliet proposti min-Netherlands għat-tneħħija ta' mira u t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni ta' ċerti miżuri rriżultaw fiż-żieda tal-mira 130 skont il-miżura C8 II (Sussidju għall-investment għall-enerġija sostenibbli u l-iffrankar tal-enerġija). Iż-żieda ta' din il-miżura tirrappreżenta bis-sħiħ il-bidla pożittiva fil-kontribut tal-RRP emendat għat-tranżizzjoni ekoloġika.

Kostijiet

- (18) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u l-Anness V, il-kriterju 2.9, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni B) hija raġonevoli u plawżibbli, konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

- (19) L-informazzjoni dwar il-kostijiet ipprovduta min-Netherlands għall-RRP emendat hija dettaljata u sostanzjata sew. Barra minn hekk, in-Netherlands ippreżentaw dokumenti separati, inklużi deskrizzjonijiet aktar elaborati tal-metodoloġija sottostanti għall-kalkoli tal-kostijiet u spjegazzjonijiet ta' kif il-proġetti tal-passat huma relatati mal-istimi tal-kostijiet tal-miżuri emendati bħala dokumentazzjoni, kif ukoll dwar l-addizzjonalità tal-finanzjament tal-UE fejn applikabbli. Il-valutazzjoni tal-istimi tal-kostijiet u tal-informazzjoni ta' sostenn inerenti turi li l-maġġoranza tal-kostijiet tal-miżuri emendati huma ġġustifikati sew, raġonevoli, plawżibbli u ma jinkludux kostijiet koperti minn finanzjament tal-UE eżistenti jew ippjanat, li ħaqqhom klassifikazzjoni B. Fl-aħħar nett, l-ammont tal-kostijiet totali stmat tal-RRP huwa f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonali mal-impatt nazzjonali, ekonomiku u soċjali mistenni.

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

- (20) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(j), u l-Kriterju 2.10 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP emendat huma adegwati (Klassifikazzjoni A) sabiex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jużaw il-fondi pprovduti skont dak ir-Regolament, u l-arranġamenti huma mistennija li jevitaw b'mod effettiv il-finanzjament doppju skont dak ir-Regolament u programmi oħrajn tal-Unjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti u ta' għodod oħra għall-promozzjoni u għall-infurzar tal-konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess, u għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴.
- (21) Mill-valutazzjoni ta' qabel, il-Kummissjoni kellha aċċess għal informazzjoni dwar l-implimentazzjoni attwali tas-sistema Netherlandiża ta' verifika u kontroll. Dan jinkludi s-sejbiet tal-awditu dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni mwettaq mill-Kummissjoni fin-Netherlands.
- (22) Fid-dawl ta' din l-informazzjoni, il-Kummissjoni tqis li s-sistema ta' kontroll intern tal-RRP tan-Netherlands hija ġeneralment adegwata. L-RRP modifikat jinkludi aġġornament tal-qafas ta' kontroll u awditjar biex jirrifletti l-ħidma li saret biex jiġu ssimplifikati aktar il-proċessi rilevanti. Dan jinkludi aġġornament tal-proċedura għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-kunflitti ta' interess, b'mod partikolari biex jiġu riflessi l-miżuri li jindirizzaw in-nuqqas ta' użu ta' Arachne. Il-persunal tad-direttorati tal-politika għandu l-obbligu li jiġbor dikjarazzjonijiet iffirmati ta' nuqqas ta' kunflitt ta' interess. Dawn id-dikjarazzjonijiet għandhom jiġu (ko)ffirmati wkoll mill-maniġers diretti. Matul il-kontrolli regolari u speċifikament qabel it-tħejjija għas-sottomissjoni ta' kull talba għall-pagament, id-Direttorati għall-Affarijiet Finanzjarji u Ekonomiċi jenħtieġ li jwettqu dawn l-awditi bbażati fuq ir-riskju dwar id-dikjarazzjonijiet tal-persunal u l-kunflitti ta' interess potenzjali. Soġġett għal dawn l-awditi u l-verifiki bbażati fuq ir-riskju permezz ta' diversi bażijiet tad-data, se ssir kontroverifika fuq id-dikjarazzjonijiet ta' nuqqas ta' kunflitt ta' interess

⁴ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1).

iffirmati fil-livell tad-direttorati tal-politika. Proċeduri oħra relatati mal-kunflitt ta' interess u, b'mod aktar ġenerali l-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-Unjoni, jibqgħu fis-seħħ u jitqiesu adegwati u robusti.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (23) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa min-Netherlands ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) (ST 12275/22 INIT; ST 12275/22 ADD 1) tal-4 ta' Ottubru 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għan-Netherlands rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (d), (da), (db), (e), (f), (g), (h) u (k).

Miżuri li jappoġġaw operazzjonijiet ta' investiment li jikkontribwixxu għall-oġġettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP)

- (24) F'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2024/795, in-Netherlands qiesu l-lista ta' proġetti li ngħataw Siġill tas-Sovranità skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2024/795. Madankollu, in-Netherlands ma nkludewx proġetti li ngħataw Siġill tas-Sovranità fl-RRP emendat minħabba li l-emendi għall-RRP ma introduċew l-ebda miżura ġdida, u t-tneħħija ta' mira u t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni ta' ċerti miżuri rriżultaw fil-ħelsien ta' ammont limitat ta' riżorsi, li n-Netherlands talbu li jużaw biex iżidu l-mira 130 skont il-miżura C8 II (Sussidju għall-investiment għall-enerġija sostenibbli u l-iffrankar tal-enerġija). B'mod speċifiku, iż-żieda tal-mira 130 taħt il-miżura C8 II (Sussidju għall-investiment għall-enerġija sostenibbli u l-iffrankar tal-enerġija) ma tipprovdix ir-riżorsi meħtieġa biex tippermetti l-implimentazzjoni ta' proġetti li ngħataw Siġill tas-Sovranità, u għalhekk, in-Netherlands ma inkludewx tali proġetti fl-RRP emendat.

Valutazzjoni pożittiva

- (25) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat meta nstab li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont li għandu jsir disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (26) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat tan-Netherlands huma ta' EUR 5 442 993 000. Peress li l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għan-Netherlands, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikoli 4(a) tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-Artikolu 20(4) u 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 allokata għall-RRP emendat tan-Netherlands għandu jkun ugwali għall-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għall-RRP emendat tan-Netherlands. Dan l-ammont huwa ta' EUR 5 441 423 046.
- (27) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) (ST 12275/22 INIT; ST 12275/22 ADD 1) tal-4 ta' Ottubru 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għan-Netherlands jenħtieġ li tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għan-Netherlands hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat tan-Netherlands abbażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż l-istadji importanti u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti relatati mat-twettiq tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni ttiprovdi aċċess sħiħ għad-data rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni”;

(2) l-Anness huwa sostitwit bit-test tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tan-Netherlands.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President